MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 1118/2007

**M.DEMAJO (WINES & SPIRITS) LTD (C2521)**

vs.

Mario **SCERRI**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fid- 29 ta' Ottubru, 2007 li bih is-soċjeta' rikorrenti talbet li din il-Qorti (1) taqta' u tiddeċiedi l-kawża mingħajr is-smigħ għall-finijiet ta' l-artikolu 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (2) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha s-somma ta' Lm9,129.78,[1] li tirrappreżenta l-bilanċ ta' prezz għal xorb alkoħoliku minnha mibjugħ u konsenjat lill-istess imħarrek. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali;

[1] Illi jissarfu fis-somma ta' €21,266.67 fi flus tal-lum.

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimat għall-finijiet ta’ l-art 187 (3) tal-Kap 12, li naqas li jidher meta ssejħet il-kawża u hekk baqa’ kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta’ rikorrenti;

Semgħet l-Avukat tas-Soċjeta’ rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja ta’ l-intimat tiddeċiedi billi:

**1. Tilqa’ l-ewwel talba** tas-soċjeta’ rikorrenti u tgħaddi biex taqta’ l-kawża mingħajr smigħ;

**2. Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ wieħed u għoxrin elf mitejn u sitta u sittin euro u sebgħa u sittin euro ċenteżmi (€21,266.67) rappreżentanti l-prezz ta’ xorb alkoħoliku lilu mibjugħ u konsenjat, flimkien ma’ l-ispejjeż tal-kawża, u bl-imgħaxxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b’effett mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------